# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 3**

**Avviz numru 1435/99/SM**

**Technology Resources Ltd**

**vs**

**Med Euro Trading Centre Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'Ottubru ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas is-somma ta' tminn mija tmienja u tletin lira Maltin (Lm838) rapprezentanti kompjuter "hardware" li xtrat mill-imsemmi hanut;**

2. **Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagamet;**

**3. Il-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi teccepixxi bir-rispett li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:**

**a. l-oggetti mibjugha mis-socjeta' attrici u li gew konsenjati lis-socjeta' konvenuta ma kienux tal-kwalita' pattwita;**
**b. inoltre s-socjeta' attrici naqset milli tikkonsenja parti mill-hardware li l-istess socjeta' attrici kienet obbligata tikkonsenja;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta;**

**Tirrileva li r-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici naqas li jkun prezenti fl-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni orali tieghu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:**

**1. Illi skond id-dokumenti tas-socjeta' attrici jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ghandha ittiha l-ammont meritu ta' din il-procedura;**

**2. Illi s-socjeta' attrici tallega li dan kien ammess mieghu minn rapprezentant tas-socjeta' konvenuta;**

**3. Illi jidher li hemm konflitt bejn is-socjetajiet kontendenti stante li l-oggett mghoti ma inghatax skond il-kondizzjonjiet pattwiti;**

**4. Illi ricevuti relattivi ma gewx prodotti u l-partijiet jistriehu biss fuq il-memorja;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi allegazzjoni ghandha tkun ipprovata jew ghallanqas ikun hemm il-probabbilita' li tkun veritjera;**

**Illi hawnhekk ic-cirkostanzi ghadhom ferm il-boghod minn dan u ma jimmeritawx aktar dilungar inutli;**

**Ghaldqastant din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, tichad l-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**